

# Ser iwaddbulna fjuri u ċikkulata – Malta fl-1940

**kitba ta' Kevin Cassar**

Fit-28 ta' Mejju 1940, l-ewwel suldati Ingliżi bdew jiġu evakwati minn fuq xtajta mramla ta' Dunkirk fi Franza. Dak in-nhar stess il-Belġju ċeda. Mussolini, li sa issa kien żamm lura milli jidħol fil-gwerra, iddeċieda li dan kien il-waqt it-tajjeb biex jidħol fil-gwerra u jieħu gwadan bi ftit sforz. Kien hemm ħafna x'jindika li l-Italja kienet riesqa lejn dan il-punt. L-ingliżi kienu jistennew li Mussolini jiddikjara gwerra f'xi żmien bejn l-10 u l-20 ta' Ġunju. Din l-informazzjoni ġiet mgħoddija lill-Gvernatur ta' Malta, il-Ġeneral Sir William Dobbie.

L-għada, Dobbie kellem lill-Maltin permezz tar-Rediffusion. Huwa qal li għalkemm il-gżira ma kinitx f'periklu imminenti, dawk kollha li setgħu jmorru jgħixu ma' nieshom barra mill-ibliet kien imisshom jagħmlu hekk. Ftit taw każ dan il-kliem. Ftit kienu jemmnu li t-Taljani setgħu jattakkaw lil Malta. Oħrajn kienu jsostnu li jekk Mussolini jibgħat l-ajruplani tiegħu fuq Malta, dawn kienu ser iwaddbu fjuri u ċikkulatini fuq ħuthom il-Maltin. Daqstant kien il-bogħod moħħ il-Maltin mir-realtajiet tal-gwerra.



Kienu s-sitta ta' filgħaxija tal-10 ta' Ġunju 1940, x'ħin Mussolini xiref fuq il-gallarija ta' Palazzo Venezja ġewwa Ruma biex ikellem lill-folla li kellu quddiemu u jindirizza lin-nazzjon. Mussolini ħabbar li kien ta d-dikjarazzjoni tal-gwerra tal-Italja lill-ambaxxaturi ta' Franza u l-Ingilterra. Il-folla ntilfet f'dillirju t'għajjat.

Fl-erbgħa u nofs ta' filgħodu tal-11 ta' Ġunju 1940, il-ħemda li kienet tirrenja fuq il-mitjar ta' Katanja nkissret bil-ħsejjes tal-magni ta' 30 bomber SM79 ta' 34 Stormo tar-Regia Aeronautica. Hekk kif il-magni saħnu u l-iskrejjen bdew jgħaqdu b'ħeffa, l-bombers ġrew tul il-mitjar, nqatgħu mill-art u rħewla lejn Malta. Ftit tal-minuti wara telgħu tlett qatgħat oħra ta' bombers ta' 11 Stormo u ta' 41 Stormo.

Il-bombers Taljani malajr inqabdu fuq ir-radar li l-Ingliżi kienu ramaw fuq Ħad-Dingli aktar kmieni dik is-sena. Is-servizzi f'Malta dak in-nhar tpoġġew għal-lest kmieni filgħodu. Il-Malta Fighter Flight kienet ilha għal-lest mis-sitta u nofs ta' filgħodu, ftit ħin wara tpoġġew fuq alert biex jitilgħu jinterċettaw l-ajruplani għedewwa. Ġara iżda li sakemm l-ajruplani Ingliżi laħqu għoli biżżejjed biex jattakkaw lit-Taljani, dawn tal-aħħar kienu diġà bdew jibbumbardjaw lil Ħal Far u l-Belt.

It-Taljani attakkaw fi tlett mewġiet. Attakkaw lill-mitjar ta' Ħal Far, il-bażi marittima ta' Kalafrana, u t-tarzna u stallazjonijiet militari mad-dawra tal-port. Matul dan il-ħbit intefgħu xejn inqas minn 30 balla ta' 250 kilo u 122 balla ta' kilo. Il-balal tal-għadu ma tantx ħallew effett fuq il-faċilitajiet militari, iżda ma dawn intlaqtu ħafna djar u binjiet ċivili, speċjalment ġewwa Bormla. Malta ġarrbet ukoll l-ewwel imwiet li kienu jinkludu omm u żewġ uliedha żgħar. Sitt suldati tar-Royal Malta Artillery mietu meta bomba waqgħet fuq Sant Iermu. Ma' dawn is-suldati kien hemm Philip Busuttil, bugler, ta' sittax-il sena.

Ħames sigħat wara l-ewwel attakk, it-Taljani bagħtu bomber waħdu fuq Malta biex jieħu ritratti tal-effetti tal-ewwel ħbit. Il-Gloster Gladiators tal-Malta Fighter Flight telgħu għat-Taljan u għalkemm gerxuh ma rnexxilhomx jagħmlulu ħsara.

Wara nofsinhar it-Taljani reġgħu ħabtu għall-gżira. Tlett mewġiet ta' bombers attakkaw il-postijiet li kienu ħabtu għalihom matul l-ewwel attakk. B'kollox kien hemm 38 bomber. Il-Gloster Gladiators telgħu fl-ajru għalxejn. Il-kanuni ta' kontra l-ajruplani tefgħu barrage qawwi u ġie magħdud li tmin bombers Taljani ġarrbu ħsara matul l-attakk.

Sa dak iż-żmien in-numru ta' kanuni li kien hawn Malta kien ferm inqas minn kemm kien ikkalkulat li kien hemm bżonn biex il-gżira tkun tista' tiġi difiża b'mod effettiv kontra attakki mill-ajru. Il-kanuni kienu mqassma f'34 tip Heavy Anti Aircraft u 22 tat-tip Light Anti Aircraft. Jekk is-sitwazzjoni tan-numru ta' kanuni kienet ħażina dik tan-numru tal-ajruplani kienet ferm agħar.

Fil-fatt, wieħed jista' jgħid li Malta ma kelliex fighters effettivi biex jeħduha mal-għadu. Il-Malta Fighter Flight kienet tikkonsisti minn erba' ajruplani navali tat-tip Gloster Gladiator. Dawn l-ajruplani ġew mislufa mir-Royal Navy u tpoġġew għas-servizz tar-Royal Air Force fit-23 ta' April 1940. Saret sejħa għall-voluntiera

biex ikunu bdoti ta' dawn l-ajruplani. B'kollox instabu tmin voluntiera minn fost il-fizzjali tal-RAF f'Malta. F'ħin wieħed ma setgħux jittajru aktar minn tlett Gloster Gladiator kontra l-għadu. Meta wieħed iqis x'missjoni diffiċli tpoġġiet fuq dawn l-ajruplani u l-bdoti tagħhom wieħed jibda jifhem għaliex dawn l-ajruplani kienu mlaqqma Faith, Hope u Charity.

Il-jum tal-11 ta' Ġunju kien għadu ma ntemmx, u kien hemm aktar saram għall-Maltin. Filgħaxija għall-ħabta tas-sebgħa u għoxrin kien hemm ħbit ieħor. Dan bla dubju kien l-aktar wieħed qawwi tal-jum. It-Taljani daħlu b'25 bomber u kkonċentraw l-attakk fuq it-Tarzna u l-portijiet. Intlaqtu ħafna djar, speċjalment fil-Gżira, l-Isla u Bormla. L-agħar li ntlaqtet kienet Bormla. Ġewwa t-Tlett ibliet tkissru partijiet kbar tal-mains tal-ilma u l-gas, u s-servizzi tad-dawl u telefon ġew interrotti minħabba l-ħsarat. Dan xejn ma għen biex jitmexxew l-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ qalb il-ġebel u t-tifrik. Dak il-lejl mietu 22 u 60 ġarrbu feriti varji, minn dawn tal-aħħar 17 mietu l-għada.



Il-qawwa tal-attakk mill-ajru waħħxu lin-nies milquta. Ħafna nies mill-Belt u l-Furjana beżgħu jgħaddu l-lejl f'darhom u marru jiġru jsibu kenn ġewwa l-mina tal-ferrovija jew fil-kripta ta' xi knisja. Ġewwa t-Tlett Ibliet, speċjalment f'Bormla kien hemm pandemonju sħiħ.

Ħafna kienu dawk li dak il-lejl qatagħuha li jitilqu minn darhom u jmorru jfittxu kenn fl-inħawi 'l hinn mill-portijiet. L-għada beda eżodu tal-massa. It-toroq kollha li kienu jieħdu 'l barra mill-Kottonera kienu miżgħuda b'nies u vetturi ta' kull tip. Kien hemm min qabad it-triq għal għand xi qraba jew ħbieb li kienu joqogħdu fil-kampanja, iżda ħafna oħrajn ma kellhomx ħjiel fejn ser jagħtu rashom u baqgħu jimxu mal-kurrent dejjem jittamaw li jirnexxilhom isibu kenn għand xi ruħ tajba. Fl-ewwel ftit jiem, madwar 100,000 ruħ, ftit anqas minn nofs il-popolazzjoni ta' Malta, telqu darhom biex ifittxu kenn fi bnadi oħra.



Irħula bħal Ħad-Dingli, is-Siġġiewi, Ħ'Attard, Ħal Lija, iż-Żebbuġ, Birkirkara u r-Rabat imtlew bir-refuġjati. Ir-raħal ċkejken tal-Qrendi wkoll laqgħa numru kbir ta' refuġjati, tant li xi ħadd kien kiteb lit-Times u qal li dan ir-raħal issa seta' jħabbatha ma' rħula ferm akbar fejn jingħaqdu n-nies. Xi proprjetajiet privati tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-Gvern biex jakkomoda r-refuġjati. Skejjel, xi każini u anke knejjes fetħu l-bibien bħala kampijiet għar-refuġjati. L-Isqof ta' Malta talab biex il-Knisja twaqqaf, bil-għajnuna tal-fidili, dawk li kienu jissejħu Economical Kitchens, biex ikun jista' jiġi mqassam platt ikel bażiku lil dawk li kienu f'diffikultà minħabba li kellhom jitilqu djarhom.

Wara dawk l-ewwel jum l-attakki Taljani naqsu kemm fin-numru kif ukoll fl-intensità. Eżempju fit-13 ta' Ġunju seħħew sitt attakki li twettqu minn bomber wieħed biss. Fl-14 ta' Ġunju seħħ attakk wieħed li fih intbagħtu żewġ bombers li xeħtu l-bombi tagħhom fuq Ta' Xbiex, il-Belt Valletta u l-Port il-Kbir. Dan seta' ġara minħabba li Mussolini ried li r-Regia Aeronautica tuża' r-riżorsi tagħha f'attakki fuq Franza u fuq it-Tuneżija Franċiża.

Fil-21 ta' Ġunju, tmin ajruplani tat-tip Hurricane niżlu fuq il-mitjar ta' Ħal Luqa. Ħamsa minn dawn baqgħu Malta u t-tlieta l-oħra baqgħu sejrin lejn l-Eġittu. Il-wasla ta' dawn il-fighters moderni kienet ferm mistennija. L-għada l-Gloster Gladiators waqqgħu l-ewwel bomber Taljan fl-ajru ta' Malta. Dan l-avveniment rawh ħafna nies mill-Belt u Tas-Sliema. Din ir-rebħa fl-ajru qawwiet il-moral tal-Maltin. Iżda dak in-nhar ħarġet l-aħbar li Franza kienet ċediet.

Wara l-waqgħa ta' Franza, l-attakki mill-ajru reġgħu bdew iseħħu spiss, iżda f'Awwissu reġgħu bdew imajnaw. Hekk insibu li f'Ġunju kien hemm 53 ħbit, f'Lulju kien hemm 51 f'Awwissu 22, 25 f'Settembru, u 10 f'Ottubru.

Fit-2 ta' Awwissu HMS Argus wasslet 12-il Hurricane li ttajru lejn Malta. Wieħed minn dawn ġarrab ħsarat waqt il-manuvra tal-inżul, iżda l-ħdax l-oħra ngħaqdu mal-Malta Fighter Flight biex ġiet iffurmata il-261 Squadron.

Hekk kif l-attakki Taljani naqsu, il-Maltin bdew jimtlew b'ottimiżmu ġdid. Ħafna bdew jirritornaw lejn djarhom, hekk kif il-Gvern beda programm ta' tħaffir ta' xelters taħt l-art fiż-żoni urbani.

Bil-waqgħa ta' Franza, l-Ingilterra kellha tkompli l-gwerra waħedha. Churchill wera determinazzjoni kbira li l-gwerra titkompla sakemm il-Ġermanja Nażista tiġi meqruda. Churchill ried ukoll li Malta tissaħħaħ biex mhux biss tilqa' l-attakki tal-għadu iżda li tkun kapaċi tassumi rwol offensiv fil-Mediterran.

Fil-bidu ta' Settembru ntbagħtu bosta bastimenti biex isaħħu l-preżenza navali ġewwa l-Mediterran. Dawn il-bastimenti kellhom jingħaqdu mal-flotta tal-Ammiral Cunningham li kienet ibbażata Lixandra. Din l-operazzjoni issejħet Hats u parti minnha kienet tinvolvi li jitwasslu Malta għadd ta' kanuni, munizzjon, u ħtiġijiet oħra għad-difiża tal-gżira. Il-wasla ta' dawn il-bastimenti f'Malta rriżultat fi ħbit mill-ajru fil-5 ta' Settembru. Dan l-attakk twettaq minn dive-bombers tat-tip Stuka li kienu qed jintużaw mis-servizz Taljan. It-Taljani dawn l-ajruplani kienu

jsejħulhom Pichiatelli. Dakinhar tal-attakk it-Taljani ma sabux bastimenti fil-port, għaldaqstant il-Pichiatelli dawru l-attenzjoni tagħhom fuq Delimara.



Malta kompliet tirċievi aktar suldati, kanuni, munizzjon u ajruplani. Lejn l-aħħar tas-sena ajruplani bbażati f'Malta bdew iwettqu attakki fuq Sqallija, l-Italja, u l-Afrika ta' Fuq. Ajruplani minn Malta ttajru fuq missjonijiet ta' tkixxif u ħadu r-ritratti meħtieġa biex seta' jitwettaq attakk kbir fuq il-flotta Taljana ġewwa Taranto fil-11 ta' Novembru. Is-sitwazzjoni ta' Malta kienet tjiebet bil-bosta, tant hu hekk li fl-20 ta' Diċembru l-Ammiral Cunningham iddeċieda li jidħol Malta bl-HMS Warspite u jqatta' jumejn hemm. Il-wasla tal-Warspite ntlaqgħet b'entużjażmu kbir minn bosta Maltin li ħarġu fuq is-swar jgħajtu u jxejru.

Fl-ispazju ta' sitt xhur, il-Maltin kienu esperjenzaw il-waħx tal-attakki mill-ajru, iżda biż-żmien bdew joqogħdu għaċ-ċirkostanzi l-ġodda u l-gwerra u l-attakki Taljani bdew jitqiesu bħala parti mill-ħajja ta' kuljum. Id-difiża ta' Malta kienet issaħħet bil-kbir matul dawn ix-xhur u mill-qagħda prekarja ta' Ġunju, issa bdiet twettaq missjonijiet offensivi fuq l-għadu. Il-Maltin imtlew bit-tama u l-ottimiżmu hekk kif ħarġu jilqgħu lil HMS Warspite – għal ħafna din kienet tfisser ir-ritorn tan-Navy. Ftit li xejn kienu jobsru li l-agħar kien għad irid jasal. Il-fallimenti Taljani fl-Afrika ta' Fuq u l-Balkani ġegħlu lil Hitler jidħol biex jissoda l-isforzi ta' Mussolini. Fl-aħħar ta' Diċembru il-Ġermaniżi bagħtu l-Fliegercorps X ġo Sqallija. Is-siegħa tal-prova għal Malta kienet fil-qrib.

## Kompetizzjoni Tweġiba Tajba!

Ir-rebbieħ jew rebbieħa jingħata frame silver plated b'ritratt tal-Madonna ta' Lourdes.

### Domandi mill-ktieb

1. Kemm għalqet din is-sena s-Soċjetà Lourdes?
2. Kemm ilu jmexxi l-banda Lourdes is-Surmast Charles Cachia?
3. Min kien il-kappillan li reġa' waqqaf il-Fratellanza ta' Lourdes fil-Qrendi wara li kienet sospiża, u f'liema sena?
4. Liema patrijiet l-aktar li għandhom devozzjoni lejn il-Kunċizzjoni u l-Madonna ta' Lourdes?
5. Kemm għalqet imwaqqfa s-sezzjoni femminili tal-Mużew?
6. Xi nsejħulu s-sular li nbena fil-każin biex jitpoġġa fih il-planċier?
7. Lil min xtaq madwaru l-Papa waqt li kien qed jaqsam il-port bil-katamaran?
8. Liema surmast insibuh bħala "Is-Surmast tal-Marċi Maltin"?
9. Semmi żewġ titli sbieħ mogħtija lill-Madonna f'dan il-ktieb?
10. X'jismu l-port fejn dawk li m'għandhomx mezzi jiġu xorta milqugħa f'Lourdes?
11. X'jisimha l-qanpiena li ħabbret is-sanctus pontifikali tal-Papa Benedittu XVI mad-dinja waqt iż-żjara tiegħu f'Malta?
12. Liema raħal huwa daqshekk ixxurtjat li għandu waħda mill-eqdem statwi tal-Kunċizzjoni?

### Staqsi għax għandek tkun taf

1. Min kien li waqqaf il-Fratellanza ta' Lourdes fil-Qrendi u f'liema sena?
2. F'liema żewġt Ħdud tista' tiġi ċċelebrata l-festa tal-Madonna ta' Lourdes?
3. Fil-messaġġi, liema hu l-aktar appell komuni mixtieq li jiġi osservat?

**Ibgħat ir-risposti tiegħek fl-indirizz:**

Soċjetà Mużikali Lourdes
3a, Pjazza Santa Marija,
Il-Qrendi

F'każ li aktar minn persuna waħda tirrispondi tajjeb id-domandi, ir-rigal jitla' bix-xorti.
Żmien biex tipparteċipa sal-aħħar ta' Lulju 2010.